# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 2 ta' Ottubru, 2000**

**Numru: 1**

**Citazzjoni Numru: 95/94 JF**

**George Said, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited, u din rapprezentanti s-socjeta' assikuratrici estera Commercial Union Assurance Company plc., surrogata kemm bil-poizza kif ukoll bil-ligi, fid-drittijiet tal-assigurat taghha David Martin. U b'nota tal-5 ta' Marzu 1999, l-avukat Dr. Joseph Zammit Mc Keon bhala rapprezentant tas-socjeta' Atlas Insurance Agency Limited, agenti Malta tas-socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc surrogata fid-**

**drittijiet ta' l-assigurat taghha David Martin, assuma fil-vesti ta' attur fil-kwalita' tieghu premessa l-atti tal-kawza minflok George Said ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' R. Von Brockdorff Insurance Agency Limited.**

**vs**

**Anthony Grixti**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-27 ta' Mejju 1993, waqt li speedboat Fletcher 21 b'zewg Yamaha 115 hp outboard motors, proprjeta' ta' David Martin kienet fil-kustodju tal-konvenut biex, fuq inkariku tal-istess David Martin, il-konvenut jesegwixxi fuqha xi xoghlijiet, din inharqet u garrbet hsarat esetensivi tant li giet dikjarata"a write-off";

U premess illi l-ispeedboat u l-muturi taghha kienu assikurati mal-attur nomine taht "Pleasure Craft Policy: Nru. CUM/89/H/3046 u l-assikurat David Martin ghamel claim lis-socjeta' assikuratrici attrici in konnessjoni mal-incident de quo;

U premess illi l-attur nomine indennizza lill-assikurat tieghu bl-ammont ta' hamest elef u disa' mitt lira (Lm5,900) ghall-hsara li

garrab bhala rizultat tal-incident, u gie surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu taht il-polizza;

U premess illi l-attur nomine irnexxielu jbiegh muturi tal-ispeedboat ghall-prezz ta' elf u mitejn lira (Lm1,200), u ghalhekk id-danni mhux rekuperati jammontaw ghal erbat elef u seba' mitt lira (Lm4,700);

U premess illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut minhabba mprudenza, imperizja, neglingenza u inosservanza tar-regolamenti;

U premess illi l-konvenut, interpellat jersaq ghar-risarciment tad-danni attrici, baqa' inadempjenti;

Talab li din il-Qorti:

1. tiddikjarah unikament responsabbli ghall-incident fuq referit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur nomine;

2. tillikwida d-danni tal-attur nomine fis-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira (Lm4,700) jew somma verjuri, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundannah ihallas lill-attur nomine is-somma ta' erbat elef u seba' mitt lira (Lm4,700) jew ammont verjuri bhala risarciment tal-ammont li dan sborza lill-assikurat tieghu biex jindennizzah ghall-hsara li garrab fl-incident ghal liema ammont l-attur nomine gie surrogat fid-drittijiet tal-assikurat tieghu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-28 ta' Gunju 1993 u dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Awissu 1993, u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni, kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament l-imkompetenza ta' dina l-Qorti billi l-kwistjoni mhix ta' natura kummercjali u lanqas ma huwa negozjant l-eccipjent.

2. Illi fil-meritu u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni l-eccipjent jirrileva illi l-ispeedboat ma kienetx fil-kustodja tieghu meta gara l-incident in kwistjoni, izda kienet fil-proprjeta' ta' sidha u taht il-kustodja tieghu, infatti din l-ispeedboat kienet ilha f'dan il-post ghal xhur twal.

3. Illi l-hruq ta' din l-istess speedboat ma garax tort u htija tieghu u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi wkoll u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjonijiet, l-ammont li qed jitlob l-attur bhala danni in konsegwenza ta' dan il-hruq ta' l-ispeedboat u l-magni huwa ghal kollox esagerat u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza.

5. Salve eccezzjonijet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta u rat l-"affidavits" li gew ipprezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-noti ta' osservazzjonijiet li gew ipprezentati mid-difensuri rispettivi tal-partijiet;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat illi mill-provi jirrizulta li l-assigurat tal-attur nomine,sid l-ispeedboat tal-marka "Fletcher 21" armata b'zewg muturi fuq barra tal-marka Yamaha, inkarika lill-konvenut, mekkanik, biex jaghmillu xi xoghol fuqha.  Fil-kors tax-xoghol, li kien jikkomprendi installazzjoni ta' "shower-pipe" f'din l-opra tal-bahar, u liema xoghol kien qieghed jigi ezegwit mill-konvenut wahdu fil-garaxx tal-attur nomine, il-konvenut htieglu jaghmel xi toqba.  Biex jaghmel dan, il-konvenut qabad "drill" tal-elettriku u appena xeghlu kien hemm vampa nar.  Il-konvenut ipprova johrog id-dghajsa 'l barra mill-garaxx bin-nar jaqbad fiha.  Ipprova, bla ma pero' nrexxielu, jitfi l-fjammi tan-nar sakemm finalment l-ispeedboat inharqet estensivament.  L-assigurat ghamel "claim" mal-attur nomine u billi d-dghajsa giet meqjusa bhala "a write-off" indennizzatu per saldu s-somma ta' Lm5,900.  In segwitu, u wara li kienet gja' offriet iz-zewg muturi lill-konvenut u ma accettahhomx, l-attur nomine ddispona mill-muturi billi bieghhom lil certu Anthony Muscat ghall-prezz ta' Lm1,200.  L-attur nomine gie ssurrogat fid-drittijiet tal-assigurat tieghu, David Martin, cjoe' sid l-ispeedboat, u allura interpella lill-konvenut biex ihallsu l-ammont ta' Lm5,900 imhallas lill-assigurat tieghu nieqes l-ammont irkuprat bil-bejgh taz-zewg muturi "outboard", kif fuq inghad, u ghalhekk ghall-

bilanc ta' Lm4,700 - ghal liema interpellazzjoni pero' l-konvenut baqa' ma hallas xejn billi kien u baqa' jsostni li huwa ma kienx responsabbli ghas-sininistru msemmi. Di fatti, huwa eccepixxa li ma kienx responsabbli billi esegwixxa xoghlu bis-sengha u bl-aktar mod prudenti u allura ma kellux ihallas l-ammont mitlub, apparti li f'kull kaz l-ammont mitlub kien wiehed esagerat.

Mill-provi prodotti ghandu jirrizulta li bhala responsabbilta ghal dak li gara ghandu jirrispondi unikament il-konvenut. Bhala bniedem tas-sengha huwa messu kien jaf, u fil-fatt mill-provi hekk ukoll jirrizulta li kien jaf, li tkun qieghed tiehu riskju li tuza' "drill" tal-elettriku biex ittaqqab toqba vicin - bejn erba' u sitt pulzieri 'l boghod - minn "rubber tubing" jew kumnikazzjoni li minnu jkun hemm il-"petrol". Minn dak li kien irrizulta lill-espert kimiku Dr. Alfred Vella jidher li kien hemm prezenti l-elementi kollha necessarji biex isir incident bhal dak li gara, igifieri l-prezenza ta' fuel, il-prezenza ta' ossidant bhall-arja u "ignition source" (l-isparks emmess mid-drill). Huwa probabbli li fil-kors tax-xoghol il-konvenut mess jew caqlaq it-"tubing" bir-rizultat li kien hemm hrug ta' petrol. Jirrizulta li fforma bizzejjed "vapour fumes" f'xi parti tad-dghajsa biex ikkaguna l-vampa li kien hemm. In-nar ha mhux ghax it-tank kien mimli "petrol" ghaliex dan hekk suppost ikun biex ma jiffurmawx "vapours" infjammabbli. Veru li l-konvenut suppost xamm ir-riha tal-petrol pero' billi jghid li hu ma xamm xejn ma jiskagjonahx mir-responsabbilta'. Il-konvenut tant kien konsapevoli mill-periklu li xehed li kien jara li l-bieb tal-garaxx kien izommu miftuh u li kien jaf li fil-garaxx kien hemm apparat tat-tifi tan-nar. Huwa mhux l-ewwel darba li hadem fuq din id-dghajsa u kien mekkanik t'esperjenza. Kien jaf bil-prezenza ta' fuel u kwindi ghandu jirrispondi ghall-akkadut billi jirrizulta n-ness bejn il-kawza (l-

"ispark") u l-effett (il-hruq u l-hsara fl-ispeedboat). Fil-kors tal-provi, il-konvenut tella' espert tieghu "ex parte" biex juri li seta' kien hemm raguni ohra biex sar il-hruq. Paul Cardona semma' li l-hruq seta sar minhabba hrug ta' gass mill-"fibre-glass" tad-dghajsa li meta jittaqqab jaf ikun hemm gass urajh ukoll. Illi apparti din kienet biss ipotesi teoretika - mentri l-espert l-iehor kien investiga u rrelata dettaljatament dwar l-incident - xorta jibqa' l-fatt li jekk kien hemm tali periklu addizzjonali l-konvenut ma messhux allura taqqab gol-"fibre-glass" ghaliex anke hawn ir-riskju kien wiehed prevedibbli u mhux barra l-kontroll tieghu kif invece gie sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut.

Illi dwar il-quantum tad-danni l-attur nomine talab is-somma ta' Lm4,700, u dana billi mill-ammont li hallas lill-assigurat tieghu David Martin, igifieri Lm5,900, huwa rnexxielu jirkupra Lm1,200.00 ghax biegh z-zewg muturi ghall-prezz ta' Lm1,200. Saret kritika qawwija mill-konvenut ghall-fatt li skond hu l-"boat" u z-zewg makni kienu "over-insured" u ghaliex ukoll b'nefqa ta' Lm1,000 cioe, iz-zewg muturi kienu jgibu prezz aktar vantaggjuz. Il-Qorti jidhrilha li dwar iz-zewg muturi, is-socjeta' assiguratrici ghamlet sew li ppruvat u rnexxielha ssib il-bejgh taghhom biex hekk timminimizza d-danni. Hija offriethom anke lill-konvenut li seta' kieku ried, imqar bla pregudizzju, isib jiddisponi minnhom hu izda m'accettax. Billi min eventwalment xtrahom jghid li b'nefqa ta' certu ammont huma setghu igibu prezz oghla ma jfissirx li l-attur nomine kellu ghalfejn jiehu r-riskju li jibqa' b'zewg muturi sekonda mano u fi stat iddanneggjat bla ma jbieghhom lil hadd. Illi dwar id-deprezzament pero' il-Qorti jidhrilha li fil-mument li sar l-incident il-'boat' u z-zewg muturi tassew kienu xi ftit 'over-insured'. Dawn kienu assikurati Lm5,930 fl-1989

(nieqes it-'trailer') u meta gara l-incident kienu assikuratti Lm5,900. Fil-kuntest ta' dak li xehed Anton Enriquez, salesman mal-kumpanija Yamaha, huwa jghid li trattandosi ta' mutur kbir, id-deprezzament ikun qawwi hafna u l-valur jonqos drastikament. Anki l-'boat' fil-fehma tal-Qorti, tiddeprezza sew, ghalkemm jidher li sidha kien jiehu hsieb il-manutenzjoni taghha sew. Arbitrio boni viri, il-Qorti sejra tnaqqas l-ammont ta' Lm200 ghas-snin 1990 u 1991 ghal kull sena u mill-gdid Lm250 ghas-sena1992 u Lm250 ghas-sena 1993 - b'kollox Lm900. Ghalhekk mill-ammont ta' Lm4,700 irid jitnaqqas l-ammont ta' Lm900 u ghalhekk is-sorte ghandhom ikunu ta' tlett elef u tmien mitt lira Maltin (Lm3,800) per saldu tad-danni. Peress li l-konvenut ikkontesta kollox u ma effettwa l-ebda depozitu, irid jaghmel tajjeb ghall-hlas ta' interessi kif ukoll ghall-maggor parti tal-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici limitatament pero' ghas-somma ta' Lm3,800 u tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur nomine dana l-ammont flimkien ma' l-interessi legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Il-kap tal-ispejjez jigi sopportat hekk erba kwinti ($^{4}/_{5}$) mill-konvenut u kwinta parti ($^{1}/_{5}$) mill-attur nomine.

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI

Deputat Registratur

md